KAPITLU 1

# Lura lejn Franza



Il-gwerer qatt ma jiġu miġġielda fil-kampanja. Minn hemm il-gwerra tidher imbiegħda u tissaffa mill-għajnejn ipokriti tal-kbar li, biex iserrħu ras it-tfal, konxjament iħawdu d-dħaħen tal-gwerra mad-duħħan ta' xi ħuġġieġa ċkejkna. Fil-vjaġġ tagħna bit-tlikki tlikki lura lejn il-Kontinent, aħna u nterrqu minn qalb il-kampanja Franċiża, għall-kenn

tal-għoljiet ħelwin u l-friegħi tas-siġar mgħaqqdin f'xulxin, stajna kważi nemmnu li x-xnigħat li bdejna nisimgħu ma kinux minnhom. Imma konna nafu li fil-fatt, ir-realtà kienet mod ieħor. U konna ħrabna 'l bogħod, il-papà, il-mamà u jien. Imma mbagħad konna rġajna lura.

Il-bejjiegħa tal-gazzetti, li ma kinux jafu jaqraw, kienu qed iħanġru u jxejru l-paġni skuri tal-ġurnali; u l-ismijiet li bdejt nisma' — Le Mans, Saint-Quentin, Lisaine — bdew iduru ġo rasi donnhom ħuttaf. Kont qtajtha li aħjar ma nkunx naf x'inhu għaddej fil-gwerra għax bżajt li anki jekk biss nitħajjar nibda nżomm ruħi aġġornata dwar dak li kien qed iseħħ fil-belt tiegħi, Pariġi, kont naqsam qalbi u niġġennen. Jew, terġa' agħar, ma kontx irrid wisq biex nitlob lill-ġenituri mmorru lura d-dar li konna ħallejna warajna sitt xhur qabel.

Kienet għaddiet xitwa sħiħa minn dakinhar li baħħarna lejn Dover u minn hemm qbadna triqitna lejn Londra fuq dawk il-ferroviji formidabbli li l-Ingliżi, bix-xieraq, huma tant magħrufin għalihom. Skont missieri, dak il-vjaġġ lil hinn bil-lanċa kellu jkun il-bidu ta' ħajja ġdida għalina. Kien bħal daqqa ta' mus li kellha tifred dak li kien diġà ġara minn dak li kien se jseħħ hemm, l-Ingilterra, 'il bogħod mill-

ħerba tal-gwerra f'Parigi.

Fix-xhur li qattajna n-naħa l-oħra tal-Kanal Ingliż, il-Franċiżi tilfu dak kollu li setgħu jitilfu: il-gwerra u biċċa kbira mid-dinjità tagħhom; dana skont missieri li, minkejja li dejjem għex Parigi, Franċiż ma kienx, xejn affattu. Kien Prussjan, bħal dawk li l-gwerra rebħuha. U dan kien iqiegħdu f'sitwazzjoni xi ftit skomda mal-ħbieb li kellu u ma' dawk il-kuntatti importanti li, anki matul il-gwerra, ma kinux żammewh milli jibqa' jaħdem. Missieri kellu fabbrika tal-azzar. Veru li qatt — lanqas darba li hi darba — ma stqarr miegħi li l-azzar li kienet tipproduċi l-Adler kien jintuża għall-azzarini u l-balal. Imma jien kont naħseb li minn banda, ma kienx jiddispjaċih wisq li kienet għaddejja l-gwerra.

"Dan żmien ta' ħafna taqlib ..." kien jgħidli meta kont iżgħar huwa u jqanfidli xagħri. "Min jaf għadx ikollna dinja aħjar, binti."

Kien hemm drabi meta ħassejt bħal tregħida dgħajfa f'idu hu u jlissen dik il-kelma, *binti*. Tregħida ħafifa, bilkemm tinħass, tant li kellhom jgħaddu snin sħaħ, mimlija avventuri, biex ftakart f'dan id-dettall li, issa li qed nikteb, nagħraf sew x'kien ifisser.

"Binti ..." hekk kien jgħidli missieri qabel ma faqqgħet il-gwerra u biddlet l-irwol ta' kulħadd:

sinjuri ftaqru, ribelli saru statisti; suldati u oħrajn bewġu ’l hemm u mbagħad taparsi ġġieldu biex jiddefendu l-bandiera tagħna. Bandiera li skoprejt li, bħal ħafna affarijiet oħra, f’dawk ix-xhur kienet għaddiet minn bosta ġrajjiet imqallba.

“U hawn mid-dehra l-istendard ta’ Franza lanqas għadu jeżisti ...” qara darba l-papà waqt il-vjaġġ tagħna lura lejn Franza. Il-bandiera kienet dik tar-Rivoluzzjoni: ħamra, bajda u kaħla.

“X’jiġifieri? Mela x’għamlu bih?” staqsiet b’leħen batut il-mamà mill-kenn ta’ roknitha fil-karozzella.

Il-papà ma weġibhiex, jew jekk weġibha ma smajtux għax kont medhija nara l-kampanja għaddejja ħelu ħelu mit-tieqa tal-karrozzella.

*Nerġgħu naqsmu l-Kanal*, ħsibt, *did-darba bil-maqlub: minn Dover għal Calais*.

U Londra, bid-dħaħen tagħha, għebet fil-griż.

Il-vjaġġ lura d-dar la kien sabiħ u lanqas pjaċevoli. U mhux biss minħabba l-istat ta’ saħħet ommi. Ftakart li meta l-ħarifa ta’ qabel konna salpajna lejn l-Ingilterra, is-Sur Orazio Nelson kien kiddu mhux ftit it-traġitt bil-baħar. Imbagħad, wara dak il-vjaġġ, il-maġġordomu tal-familja tagħna kien irrakkontali esperjenza qarsa li kien għadda minnha ħafna snin qabel meta kien abbord ta’ vapur bħala baħri u kienu

xlewh li qatel passiġġiera u xeħitha l-baħar. U meta l-vapur trakka Londra spiċċa arrestat bla ħtija mill-Pulizija ta' Scotland Yard.

Issa li konna qegħdin inbaħħru bil-kontra, mill-Ingilterra għal Franza, Nelson kien fuq il-gverta l-kbira jxammem l-arja ġejja mill-Kontinent. Kien qisu pulena enormi, wieqaf bla ma jitħarrek, ħarstu fissa lejn in-Nofsinhar: donnu minn qalb dak iċ-ċpar mielaħ seta' jilmaħ l-azzar ileqq u l-leħħ tat-tfaqqigħ tal-polvri.

Missieri baqa' l-ħin kollu fil-kabina, jieħu ħsieb ommi, safra mewt. Tant kienet inxtorbot li bilkemm baqgħet tidher fis-sodda. It-tobba Ingliżi, u anki ieħor minn Vjenna li kien bagħat għalih il-papà, ma kellhomx dubji fid-dijanjosi tagħhom.

"Infezzjoni gravi fil-pulmun. Minħabba d-dħaħen," kienu qalu.

Missieri tani dik il-ħarsa mimlija kompassjoni li kont rajtlu diġà f'okkażjonijiet oħra, u li kienet il-vera raġuni l-għaliex kemm dam ħaj bqajt qatt ma staqsejtu jekk il-fabbrika tiegħu qattx ipproduċiet l-armi, minbarra r-roti tal-ferroviji u l-binarji.

"Binti, jekk anki t-tabib Awstrijak qal hekk, bilfors li hekk hu," qalli minn taħt l-ilsien.

Missieri baqa' jittama sal-aħħar li dan ma

kienx minnu: li l-mamà kellha *xi* pulmonite jew li ħakmitha sewwa l-influwenza, u xejn aktar. Kien jipprova jikkunslaha billi jfakkarha li wara dik ix-xitwa kiesħa Londoniża, dalwaqt kienet se tibda r-rebbiegħa bl-inwar fis-siġar tat-tilju u taċ-ċirasa f'Hyde Park, imma kien kollu għalxejn.

Idejn il-mamà baqgħu dejjem jibjadu, it-tqaħqiħ sar aktar kiefer, u t-tektik irqiq u debboli tal-polz baqa' kulma jmur jidgħief.

Is-silenzju nxtered bħas-swaba' ta' qarnita mad-dar tagħna ta' Aldford Street. Kien jinkiser biss mit-tektik tal-arloġġ tal-mażżri u ċ-ċekċik tal-platti ta' Limoges waqt li jien u missieri nkunu qed niċċenaw bla ma llissnu ebda kelma.

"Għadek tiltaqa' mal-ħabib tiegħek?" kien jistaqsini, tista' tgħid, kull filgħaxija, bħallikieku ma kienx jaf eżatt *x*'kont se nwieġbu. Dal-ħabib tiegħi kien Sherlock Holmes u iva, kont niltaqa' miegħu ta' spiss; ħalliha li mindu ommi mardet għal għarrieda, kelli nnaqqas ftit. "U għadkom ħbieb sew?"

Iva, konna. Mistura f'dik il-mistoqsija ta' missieri kien hemm oħra, ħafna aktar ikkumplikata. Il-papà kellu f'moħħu li nerġgħu niċċaqilqu, li nitilqu minn Londra, u b'dak il-mod goff tant tipiku tal-irġiel, kien qed jipprova jifhem kemm kont se noħodha ħażin.

Nitilqu minn Londra meta, tista' tgħid, konna għadna kemm wasalna. Ma kontx noħodha daqshekk ħażin li kieku staqsieni direttament.

Imma dan qatt m'għamlu.

Tani biss id-data meta kellna mmorru lura.

Bħall-inwar tat-tilju, imma bla ma stennejna r-rebbiegħa.

U hekk erġajna lura Franza, imma mhux Pariġi, għaliex l-għajdut li bdejna nisimgħu dwar il-kapitali xejn ma kien qawwielna qalbna. Missieri kien xtara villa fil-kampanja fir-raħal ta' Évreux, xi mitt kilometru fil-Punent ta' Pariġi, u hemm konna sejrin bil-karozzella. U kienu l-għoljiet ta' Évreux dawk li bdejt nosserva mit-tieqa tiegħi. Żammejt idejja sodi fuq irkupptejja, qisni ridt inżomm xi ħaġa soda, xi ħsieb, xi idea, il-malinkonija; u għamilt sforz biex ma nħares la lejn missieri, b'wiċċu ismar qisu s-sema mdallam, u lanqas lejn ommi, pallida pallida qisha ruħ.

Waqt waħda mill-waqfiet tul dak il-vjaġġ twil lura lejn Franza, staqsejt lil Orazio x'kien jaf dwar il-marda li kienet ħakmet lil ommi u l-maġġordomu weġibni biss billi xengel tnejn rasu. Mhux l-ewwel darba li l-papà pejjep xi sigarru d-dar, imma biss wara ċ-ċena u, terġa', lanqas kuljum. Allura kif jista' jkun li

l-pulmun tal-mamà ġie affettwat daqshekk?

“Mhux kif qed taħseb inti, Sinjorina Irene …” spjegali s-Sur Nelson. “Ommok mardet bl-arja mniġġsa li hemm Londra: biċ-ċmieni u l-intejjen ħerġin mill-fabbriki li issa l-belt miżgħuda bihom. Ommok għandha l-pulmun delikat, u dik l-arja velenu għaliha.”

Veru: xi drabi, meta timxi barra, kont tkun qisek qed toftoq purtiera tqila ta’ ġmied u trabijiet jifgaw l-arja. Niftakar li mhux darba u tnejn, wara xi ħalba xita għal għarrieda, spiċċajt bil-libsa toqtor bħal dmugħ skur. B’hekk mardet ommi, u biex tagħqad kellha nostalġija qawwija għal Franza u d-drawwiet tagħha.

“Jiġifieri għalhekk ma morniex ngħixu xi mkien fil-kampanja l-Ingilterra stess, Bath jew Oxford?” staqsejt lis-Sur Nelson. Kont naf li dil-mistoqsija lil missieri kelli nagħmilha, imma dak iż-żmien kont inħossha tassew iebsa biex inkellmu, mhux bħas-soltu. Dak ir-raġel ferrieħi ta’ ftit xhur qabel, li kien jgħannaqni u jżeffinni dawra tond madwaru, f’daqqa waħda sar jaħbi s-sentimenti tiegħu wara siparju, bħal teatru li għalaq il-bibien ħabta u sabta.

“Missierek jemmen li r-ritorn tal-mamà lejn Franza jagħmlilha aktar ġid mill-kura kollha li tista’

tieħu ...” weġibni s-Sur Nelson aħna u nħejju biex inkomplu bil-vjaġġ. “U jien naqbel miegħu.”

Anki jien, hekk kont naħseb.

Kien is-6 ta’ Marzu 1871.